# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 23 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.262/96

Eugenio Cassar

vs

Stephen Bezzina

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Mejju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Sitta u erbghin Lira Maltija u hamsin centezmu, (Lm46.50), ghal:

1. pariri fuq xoghol ta' elettriku li jinkludi "wiring" ta' "lighting & power circuits" u "extra- low voltage wiring" ( hall porter, telephone u burglar alarm);

2. ikkonnettjar ta' "booster water pump";

3. ikkonnettjar ta' erba' "capacitors"" tat-tubi;

4. "testing" tal-installazzjoni; u

5. pariri ta' kif isir ix-xoghol tal-"conduit pipes" (on site);

Wara dan beda juza t-telefon sabiex jhedded lil attur u lil mara tieghu, sabiex l-attur ikompli x-xoghol qallu li ser jaghmillu hsara man-nies.

Ra li l-konvenut ppresenta r-risposta tieghu fit-13 ta' Gunju, 1996, fejn eccepixxa:

i. Illi b'referenza ghall-paragrafu wiehed (1) tat-talba tal-attur, qatt ma sar ftehim ghall-hlas dwar il-pariri fuq ix-xoghol in kwistjoni;

ii. Illi b'referenza ghall-paragrafu erba' (4) dwar "testing" ta' l-installation, dan mhux veru li sar mill-installation u li sar kien testing fuq zbalji li seta ghamel l-attur;

iii. Illi b'referenza ghall-pariri kif indikati fil-paragrafu hamsa (5) tat-talba tal-attur, dan qatt ma nghataw; u

iv. Illi ghalhekk l-attur ghandu jithallas biss ghall-ikkonettjar ta' "booster" liema xoghol ta' wiring sar mil konvenut u x-xoghol li sar biss fuq erba' capacitors tat-tubi.

Semgha x-xhieda ta' Eugenio Cassar u ta' Stephen Bezzina;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta li l-attur kien ghen lill-konvenut f'xoghlijiet tal-elettriku tad-dar. L-attur qed jghid li hadem xi tnejn u ghoxrin siegha u qed jippretendi l-hlas bir-rata ta' zewg Liri s-siegha, piu t-taxxa fuq il-Valur mizjud.

Jirrizulta li bejn il-partijiet qatt ma kien sar ftehim dwar il-hlas.

Skond ma xehed l-istess attur dam jahdem is-segwenti sieghat fuq id-diversi affarijiet:

i. "Booster" u "Water pump" dam tlett sieghat;

ii. Ikkonnettjar ta' "capacitors" - saghtejn;

iii. Testing tal-"installation"- siegha u nofs;

iv. Wiring - fuq jumejn - disgha sieghat u hmistax

il-minuta;

Jekk hu minnhu dak li qed jghid l-attur it-total tas-sieghat mahduma jgibu b'kollox Hmistax il-siegha u hamsa u erbghin minuta.

Skond ma xehed il-konvenut ix-xoghol tal-"capacitors" sar minhabba zbalji da parti tal-istess attur, li minhabba fih beda jinhela hafna dawl, u ghalhekk l-attur kien ghamel it-"testing".

Il-konvenut mil-lat l-iehor qed jammetti li kien hemm certa ghejnuna mill-attur, u li dan ghamel il-"wiring" tal-hall porter, telephone u burglar alarm. Dwar il-"water pump" il-konvenut jghid li kull ma ghamel l-attur kien l-ikkonnettjar, u li dan ma hadlux aktar minn tlett kwarti ta' siegha.

It-Tribunal, mehud dan in kunsiderazzjoni, qed jikkalkola li x-xoghol maghmul mill-attur fil-fatt hadlu xi tnax il-siegha, inkluzi pariri, anke jekk inghataw fuq it-telefon. Dan ix-xoghol qed jigi kkalkolat bir-rata ta' Zewg Liri is-siegha, li b'kollox igib total ta' Erba u ghoxrin Lira Maltija (Lm24) piu' Tlett Liri u sittin centezmu Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li b'kollox jgibu total ta' Sebgha u ghoxrin Lira Maltija u sittin centezmu, (Lm27.60).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' Sebgha u ghoxrin Lira Maltija u sittin centezmu, (Lm27.60), kif fuq inghad, u jikkundanna lil konvenut jhallas lill-attur l-ammont ta' Sebgha u ghoxrin Lira Maltija u sittin centezmu, (Lm27.60).

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.